PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11050 – PAI PARTNERS / SAVORY SOLUTIONS GROUP)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 87/15)

1. Fl-1 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PAI Partners (Franza),

— unità tan-negozju għal sustanzi li jtejbu t-togħma ("Savoury Solutions Group", l-Istati Uniti) tal-impriża International Flavors & Fragrances' ("IFF", l-Istati Uniti).

PAI Partners takkwista indirettament, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Savour Solutions Group kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— PAI Partners hija ditta Ewropea tal-ekwità privata li timmaniġġja għadd ta' fondi li jinvestu fid-dinja kollha fis-setturi tas-servizzi kummerċjali, tal-prodotti tal-ikel u għall-konsumatur, tal-prodotti industrijali ġenerali u tal-kura tas-saħħa,

— Savory Solutions Group hija fornitur globali ta' sustanzi li jtejbu t-togħma bħal sustanzi aromatizzanti u soluzzjonijiet funzjonali għall-industrija tal-ipproċessar tal-ikel (laħam ipproċessat, ħut, frott tal-baħar, soluzzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq il-pjanti), għall-bejjiegħa tal-laħam, il-forniturі ta' servizzi tal-ikel u l-forniturі ta' ikel ta' konvenzjenza. Tipproduċi wkoll koloranti tal-ikel, budellati u kolturi għall-ikel mielaħ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11050 – PAI PARTNERS / SAVORY SOLUTIONS GROUP

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË